*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 63*

***5.30p.m 27 ta' Lulju 2023***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

### *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *63.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

63.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija min tlett kunsilliera, s-Sur Francis Debono u s-Sur Dominic Spencer minħabba raġunijiet ta' xogħol, u mis-Sinjura Charmaine Aquilina minħabba raġunijiet personali.

## *63.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

63.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 61. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

63.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ġie nfurmat li taħt il-pont tal-Kunsill kien qed jgħaddi high tension cable li kellu jitħaffer minħabba ħsarat relatati mill-mewġa ta' sħana li laqtet il-gżejjer Maltin. B'hekk Transport Malta ħarġet permess b'emerġenza biex il-kuntrattur tal-Enemalta jagħmel ix-xogħolijiet. Il-Kunsill immedjatament informa l-perit tal-Kunsill biex jagħmel kommunikat mall-perit ta' Transport Malta. Il-Kunsill ser ikun qed jeżiġi li wara li jitlestew ix-xogħolijiet fuq il-pont dan ser ikun qed jerġa jieħu s-sura tiegħu kif kien qabel. Is-Sindku ġie żgurat li l-pont ser ikun irranġat sew mill-Enemalta kif ukoll mill-Onorevoli Miriam Dalli.

63.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li instab xelter fi Pjazza Patri Magri, u li huwa kiteb lis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali sabiex dan ikun ippriservat għall-futur, u jekk ikun possibbli saħansitra jinfetaħ għall-pubbliku.

63.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fuq nota pożittiva l-ħarġa t'Għawdex kienet tassew suċċess speċjalment għall-anzjani li kienu ferħanin ħafna li saret din l-attivita'. Il-Kunsill tella' xejn inqas min 180 persuna.

63.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat mietu numru ta' papri fil-vaska. Il-Kunsill tkellem mas-sanita' sabiex dawn jieħdu kampjun tal-ilma. Il-persuna li ħa l-kampjun jemmen li l-ilma huwa mniġġes, madankollu, irid jiġi ddentifikat x-tip ta' tniġġis hemm sabiex jiġu nfurmati tal-Water Services Corporation bit-tip t'azzjoni li trid tittieħed. Sadanittant, il-Kunsill kien ċempel lill-Animal Welfare dwar din is-sitwzzjoni, madankollu, huma dejjem infurmawna li ma għandhomx x'jaqsmu ma papri, iżda fuq klieb u qtates biss. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti fejn ilmentaw dwar kif f'din is-sitwazzjoni tal-papri l-Kunsill ma jistgħux isib għajnuna min entitajiet kkonċernati.

## *63.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

63.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li l-Pulizija naqset ferm il-preżenza tagħha mill-lokalita' tal-Marsa u partikularment min naħa tal-Knisja l-isfel. Huwa spjega li anke fil-ħamrija hemm diżastru totali, bi ħmieġ, siringi, riħa ta qawwija ta laħam, bi freezers fit-triq. Huwa saħaq li hemm bżonn bħala Kunsill nitolbu l-Pulizija biex ma jabbandunawx dan il-lokal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel mija fil-mija ma dan u jrid jiżdied l-infurzar permezz ta' task force li tindirizza l-hotspots li hemm fil-lokal.

63.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li fi Triq Balbi tneħħew road humps mill-Water Services u ma tpoġġewx lura. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li dawn jitpoġġew lura.

63.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li l-iskart u l-infurzar huma issues, u parti mill-problema li l-kuntratturi qed jiġbru l-iskart tard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa qed ikellem lill-kuntrattur kontinwament kull meta ma jkun hemm borża maqbuża, madankollu, huwa jemmen li l-Kunsill irid jinsisti fuq ħin fiss biex niggwidaw sew lir-residenti.

63.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm bżonn li l-kanal ta' bejn Triq Xemxija u Triq il-Jum jitnaddaf. Is-Sindku s-Sur Josef Scerri spjega li ser jiftiehem mall-kenniesa sabiex isir dan ix-xogħol.

## *63.5 Kunsiderazjoni* **u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *63.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

63.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li d-Direttorat tat-Tagħlim u Programmi t'assessjar nieda l-Junior Science Club fejn il-Kunsilli li huma nteressati jridu jipprovdu post fejn isiru korsijiet dwar ix-xjenza għal tfal ta' bejn is-7 u 11-il sena. Il-Kunsill iridu joħorġu avviż għal għalliema, jgħaddu l-flus u wara l-Kunsilli jiġu mħallsa mid-direttorat. Fil-Marsa sakemm jitlesta l-proġett ta' Day Care Centre ser tkun qed tintuża l-iskola Primarja San Ġorġ Preca. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

63.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha laqgħa mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali dwar avvenimenti li jiġu organizzati fejn

jidħol ikel imsajjar fuq barra u dwar standard t'iġjene li jkunu jridu jiġu addottati. B'hekk inħolqot formola li trid timtela' u tintbagħat mill-għaqda jew individwu li ser ikun qed jorganizza l-attivita'.

63.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Mużikali Trinita' Qaddisa talbet biex issir laqgħa mall-Kunsill Lokali tal-Marsa sabiex ikunu jistgħu jressqu l-proposti tagħhom rigward il-programm t'attivitajiet li hemm imħejjija sabiex jiċċelebraw il-75 anniversarju tas-soċjetà.

63.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa qed tipproponi li l-fdalijiet tal-katakombi li hemm fi Triq Belt il-Ħażna jiġi mnaddaf, isir taraġ u indana biex ikun jista' jiġi osservat mill-pubbliku. Saret talba għal parir lis-Sovratendenza tal-Patrimonju Maltu u r-risposta kienet fil-pożittiv għajr għal xi regoli u proċeduri. Għalhekk qed jintalab il-kunsens tal-Kunsill Lokali u x'obbligi hemm għal dan il-proġett. Is-Sindku spjega li din hija ideja tajba li tista' tiġi attwati l-quddiem. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

63.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa FC xtaqu jagħmlu ikla u talbu l-għajnuna tal-Kunsill billi nipprovdu l-ammont ta' €1,500 għal catering u l-ikel f'din l-attivita'. Is-Sindku qal li jixtieq ikun ċar li l-finanzi tal-Kunsill mhumiex tajbin attwalment u huwa diffiċli li jingħataw flus hekk l-għaqdiet. Madankollu, l-Marsa FC kienu ilmentaw li fil-Marsa kienu l-unika għaqda li ma ħadet l-ebda fondi f'dak li jirrigwarda fondi marbuta mall-Marsa Belt Kulturali 2022. Għaldaqstant, is-Sindku qabel li ssir din l-eċċezzjoni billi l-Kunsill jagħmel dan il-kontribut. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *63.7 Servizz ta' Tiswija u Manutenzjoni fuq Komputers għar-Residenti ;*

63.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minkejja din l-item qegħda fuq l-aġenda, ser taqa' hekk il-Kunsill ma jiflaħx jonfoq €5,000 fuq dan is-servizz. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *63.8 Estensjoni tas-Servizz tal-Vann;*

63.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-servizz tal-vann fil-Kunsill huwa servizz li huwa milqugħ tajjeb ħafna fost ir-residenti. Is-Sindku qal li kienet ix-xewqa ta' ħafna li dan is-servizz jiġi estiż għal ġurnata tas-Sibt fejn diversi persuni jkollhom appuntamenti fosthom fl-isptar. Iż-żieda fil-ħlas ser ikun żgħir, inqas min €90, u s-servizz tal-vann jiżdied biex ikopri s-Sibt mit-8.00 ta' filgħodu sas-1.00 ta' wara nofsinhar. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *63.9 Implimentazzjoni ta' Traffic Management fi Triq Azzopardi;*

63.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar Triq Azzopardi issa fadal biss l-implimentazzjoni ta' dak li kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti sabiex fuq talba tar-residenti stess din it-triq issir 'one

way'. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kamra il-mappa tat-triq u qal li kif indikat min Triq Azzopardi titla' l-fuq, Triq San Mikiel toħroġ għal Triq Azzopardi. Apparti hekk il-Kunsill diġà għandu approvazzjoni min Transport Malta u kull ma trid tintbagħat hija ittra lir-residenti. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li din ser tkun bidla bi prova għal tlett xhur skond kif inhu stipulat mill-permess ta' Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *63.10 Attivita' Ottubru tar-Reġjun;*

63.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħala parti mill-attivitajiet relatati mar-Reġjun Kulturali tas-sena 2023, il-Marsa ġiet magħżula biex tospita attivita' tal-isports bejn il-15/16 t'Ottubru fiż-żona ta' madwar il-grawnd tal-football, il-Meeting Place, l-Kunsill u quddiem il-Parroċċa tas-Ssma. Trinità. Matul din l-attività ser ikun hemm involuti l-Kavallerija, l-Equidrome, l-NGO Move, Decathlon, l-NGO Roti u esebizzjoni ta' karozzi antiki. Aktar dettalji ser ikunu mogħdija l-quddiem. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *63.11 Kors tal-Presepju;*

63.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din it-tema ser tkun qed titla' f'seduta oħra.

## *63.12 Management Letter u Tweġiba tal-Management Letter;*

63.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti rendikont tal-Management Letter u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan. Is-Segretarju spjega li kif jidher fid-dokument l-ammont ta' temi kienu ftit u huma kollha fuq aspetti ta' book-keeping, jew aħjar tax-xogħol relatat mall-accountant fejn jidħol l-inputting. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *63.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

63.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.00pm u ġiet aġġornata għas-22 t'Awissu fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv